IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.10.2019
COM(2019) 484 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar il-garanziji koperti mill-baġit ġenerali**
**Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2018**

{SWD(2019) 379 final}

# Werrej


1. Introduzzjoni .......... 3

2. Operazzjonijiet garantiti mill-baġit tal-UE u mekkaniżmi ta' kriżi taż-żona tal-euro mhux koperti mill-baġit tal-UE .......... 3

2.1 Self mogħti mill-Unjoni Ewropea b'objettivi makroekonomiċi .......... 4

2.2 Self b'objettivi mikroekonomiċi .......... 4

2.3 Il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") ta' operazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex Stati Membri ("finanzjament estern tal-BEI") koperti b'garanziji tal-UE (ELM). .......... 4

2.4 Il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") u l-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI") ta' operazzjonijiet fl-Istati Membri koperti mill-garanziji tal-UE - Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) .......... 6

2.5 Mekkaniżmi ta' mmaniġġar tal-kriżijiet li mhumiex koperti mill-baġit tal-UE .......... 7

3. Evoluzzjoni tal-operazzjonijiet garantiti .......... 7

3.1 Operazzjonijiet immaniġġati direttament mill-Kummissjoni .......... 8

3.1.1 Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (il-MESF) .......... 10

3.1.2 Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BOP) .......... 11

3.1.3 Self ta' Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) .......... 11

3.1.4 Self mill-Euratom .......... 12

3.2 L-evoluzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament estern tal-BEI .......... 13

4. Riskji koperti mill-baġit tal-UE .......... 13

4.1 Definizzjoni ta' riskju .......... 13

4.2 Kompożizzjoni totali tar-riskju .......... 14

4.3 Riskju annwali kopert mill-baġit tal-UE .......... 14

4.3.1 Skopertura tal-Istat Membru .......... 14

4.3.2 Skopertura ta' pajjiż terz .......... 15

5. Attivazzjoni u pagament ta' garanziji .......... 16

5.1 Dejn mhux kopert mill-Fond ta' Garanzija għal Azzjoni Esterna (self tal-Euratom lill-Istati Membri, l-EFSM u l-BoP) .......... 16

5.1.1 Pagamenti mir-riżorsi ta' flus .......... 16

5.1.2 Pagamenti mill-baġit tal-UE .......... 17

**5.2 Sejħiet fuq il-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni u rkupri (ELM, MFA u self Euratom lil Pajjiżi terzi) ..... 17**

5.3 Evoluzzjoni tal-Fond ..... 19

6. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) ..... 20

7. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) ..... 22

7.1 Dwar il-Garanzija tal-EFSD ..... 23

7.2 Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD ..... 24

## 1. INTRODUZZJONI

L-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jiġu mmonitorjati r-riskji tal-kreditu sostnuti mill-baġit tal-UE li jirriżultaw mill-garanziji mogħtija u mill-operazzjonijiet ta' għoti b'self implimentati direttament mill-Unjoni Ewropea jew indirettament permezz tal-garanzija mogħtija għall-proġetti ta' finanzjament tal-BEI barra l-Unjoni.

Dan ir-rapport jitressaq skont l-Artikolu 149 tar-Regolament Finanzjarju preċedenti[1] li kien għadu applikabbli għal parti mill-2018. Għalhekk, dan ir-rapport dwar il-garanziji tal-baġit tal-UE u r-riskji korrispondenti għas-sena 2018 huwa sottomess għall-aħħar darba u se jiġi ssostitwit bl-iskema ta' rapportar futura prevista fir-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

Ir-rapport huwa strutturat kif ġej: It-taqsima 2 tfakkar il-karatteristiċi ewlenin tal-operazzjonijiet garantiti mill-baġit tal-UE; diversi mekkaniżmi ta' mmaniġġar tal-kriżijiet addizzjonali oħra, li ma jimplikaw l-ebda riskju għall-baġit tal-UE, huma ppreżentati wkoll. It-taqsima 3 tispjega l-evoluzzjoni tal-operazzjonijiet garantiti. It-taqsima 4 tenfasizza r-riskji ewlenin koperti mill-baġit tal-UE. It-taqsima 5 tiddeskrivi l-attivazzjoni tal-garanziji u l-evoluzzjoni tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ("il-Fond")[2] filwaqt li t-taqsima 6 tiddeskrivi l-evoluzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)[3].

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD) jikkumplimenta dan ir-rapport b'sett ta' tabelli u noti ta' spjegazzjoni dettaljati. Huwa jipprovdi wkoll analiżi makroekonomika tal-pajjiżi li jibbenefikaw minn self u/jew garanziji tal-UE, li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-iskopertura tal-Fond.

## 2. OPERAZZJONIJIET GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UE U MEKKANIŻMI TA' KRIŻI TAŻ-ŻONA TAL-EURO MHUX KOPERTI MILL-BAĠIT TAL-UE

Ir-riskji koperti mill-baġit tal-UE jirriżultaw minn varjetà ta' operazzjonijiet ta' għoti b'self u ta' garanziji li jistgħu jinqasmu f'erba' kategoriji:

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), u sussegwentement emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), ir-"Regolament tal-Fond ta' Garanzija".

3 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ir-"Regolament FEIS"), ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1. Ir-Regolament FEIS ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (l-"Emenda FEIS 2.0") ĠU L 345, 27.12.2017, p. 34. L-Emenda FEIS 2.0 żiedet, fost l-oħrajn, id-daqs tal-Garanzija tal-UE u aġġustat ir-rata fil-mira. Il-ftehim dwar l-immaniġġjar tal-FEIS u dwar l-għoti tal-Garanzija tal-UE (il-"Ftehim dwar il-FEIS") ġie ffirmat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (il-"BEI") fit-22 ta' Lulju 2015 u ġie emendat u affermat mill-ġdid fil-21 ta' Lulju 2016, fil-21 ta' Novembru 2017, fid-9 ta' Marzu 2018 u f'Diċembru 2018.

### 2.1 Self mogħti mill-Unjoni Ewropea b'objettivi makroekonomiċi

Tali self jikkonsisti minn (1) self ta' Assistenza Makrofinanzjarja[4] ("MFA") lil pajjiżi terzi, (2) self għall-Bilanċ tal-Pagamenti[5] ("BOP") li jagħti appoġġ lill-Istati Membri li ma jużawx l-euro li qegħdin jiffaċċjaw diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti u (3) self mogħti skont il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ("EFSM")[6] li jagħti appoġġ lill-Istati Membri kollha li jkunu qed jiffaċċjaw, jew huma mhedda serjament minn diffikultajiet ekonomiċi finanzjarji serji kkawżati minn avvenimenti eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom. Dawn huma attivati flimkien ma' appoġġ finanzjarju mogħti mill-Fond Monterarju Internazjonali (FMI).

### 2.2 Self b'objettivi mikroekonomiċi

Din l-intestatura tirreferi għal self mill-Euratom[7]. Il-faċilità ta' self tal-Euratom tista' tintuża:

- *[fl-Istati Membri]:* l-investimenti f'impjanti tal-enerġija nukleari u f'installazzjonijiet industrijali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari [8] u

- *[f'ċerti pajjiżi mhux membri]:* investimenti sabiex tittejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tal-impjanti tal-enerġija nukleari li jeżistu jew li huma taħt kostruzzjoni, kif ukoll proġetti ta' dekummissjonar[9].

### 2.3 Il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") ta' operazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex Stati Membri ("finanzjament estern tal-BEI") koperti b'garanziji tal-UE[10] (ELM).

Skont il-Mandat ta' Self Estern (ELM), l-UE tipprovdi garanzija mill-baġit tal-UE biex tippermetti lill-BEI iżid is-self tiegħu lil hinn mill-UE b'appoġġ għall-politiki tal-UE. L-ELM jappoġġa l-attività tal-BEI fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fl-Asja, fl-Amerika Latina u fl-Afrika t'Isfel. Fil-perjodu ELM attwali (2014-2020), il-baġit tal-UE qed jiggarantixxi sa EUR 32,3 biljun ta' operazzjonijiet tal-BEI. Fl-14 ta' Marzu 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 li

---

4 L-MFA tista' tieħu wkoll il-forma ta' għotjiet lil pajjiżi terzi (mhux koperti minn dan ir-rapport). Ir-referenzi għall-bażijiet ġuridiċi huma elenkati fl-Anness tat-Tabella A2B tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p.1).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p.1).

7 It-Trattat tal-25 ta' Marzu 1957 li jistabbilixxi L-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) kif emendat u ssupplimentat.

8 Għall-Istati Membri: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (il-Ġurnal Uffiċjali n L 88 tas-6 ta' April 1977, p. 9) kif emendat u supplimentat (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 10 Volum 001 P. 4 - 5).

9 Għal ċerti pajjiżi li mhumiex Stati Membri: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom tal-21 ta' Marzu 1994 (il-Ġurnal Uffiċjali n L 84 tad-29 ta' Marzu 1994) li temenda d-Deċiżjoni 77/270/Euratom, sabiex tawtorizza l-Kummissjoni li tikkuntratta tislif għal Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-iffinanzjar rikjest sabiex jiġi mtejjeb il-grad ta' sigurtà u effiċjenza ta' power stations nuklejari f'ċerti pajjiżi li m'humiex membri.

10 Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L135, 8.5.2014, p.1).

temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ELM b'mod partikolari biż-żieda tal-limitu massimu tal-ELM attwali minn EUR 27 biljun għal EUR 32,3 biljun. Dan ir-rieżami jżid objettiv ġdid ta' reżiljenza ekonomika fit-tul tar-refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu u komunitajiet ta' oriġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE lill-BEI tkopri r-riskji ta' natura sovrana u ta' natura politika b'rabta mal-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu mwettqa barra mill-Unjoni bħala appoġġ għall-objettivi tal-politika esterna tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-BEI jiffinanzja operazzjonijiet ta' investiment barra l-Unjoni fejn jieħu r-riskju huwa stess, kif ukoll attivitajiet taħt mandati speċifiċi bħal f'pajjiżi AKP[11].

Bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-azzjoni esterna tal-Unjoni, u biex il-BEI ikun jista' jiffinanzja investimenti barra mill-Unjoni mingħajr ma jaffettwa l-affidabbiltà kreditizja tal-BEI, il-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet tiegħu barra mill-Unjoni jibbenefikaw minn garanzija baġitarja tal-UE.

**Il-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni**[12]

Il-finanzjament estern garantit tal-BEI, is-self tal-MFA u tal-Euratom lil pajjiżi terzi ilhom mill-1994 jiġu koperti mill-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni ("il-Fond"), filwaqt li s-self tal-BOP, tal-EFSM u tal-Euratom lill-Istati Membri jiġi kopert direttament mill-baġit tal-UE.

Il-Fond ikopri inadempjenzi fuq self u garanziji fuq self mogħtija lil Stati mhux Stati Membri tal-UE jew għal proġetti fi Stati mhux Stati Membri tal-UE. Ġie stabbilit:

- biex jipprovdi "riżerva ta' likwidità" sabiex ikun evitat li wieħed jirrikorri għall-baġit tal-UE kull darba li jkun hemm inadempjenza jew pagament tard fuq self garantit; u

- biex joħloq strument ta' dixxiplina baġitarja billi jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar il-garanziji ta' self mill-UE u mill-BEI lil pajjiżi terzi[13].

Jekk pajjiżi terzi jsiru Stati Membri, is-self marbut ma' dawn il-pajjiżi ma jibqax kopert mill-Fond u r-riskju jkollu jiġġarrab direttament mill-baġit tal-UE. Il-Fond hu fornut mill-baġit tal-UE u jrid jinżamm f'ċertu perċentwal tal-ammont pendenti tas-self jew tal-garanziji fuq is-self koperti mill-Fond. Dan il-perċentwal, magħruf bħala r-rata fil-mira, bħalissa huwa ta' 9 %[14].

11 Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, ġie konkluż għal perjodu ta' 20 sena mill-2000 sal-2020. Dan huwa l-aktar ftehim ta' sħubija komprensiv bejn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-UE. Huwa mhux iffinanzjat mill-baġit tal-UE.

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) kif emendat mir-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1).

13 Għalkemm ir-riskji esterni huma koperti *in fine* mill-baġit tal-UE, il-Fond ta' Garanzija jaġixxi bħala strument li jipproteġi l-baġit tal-UE mir-riskji ta' inadempjenzi fuq il-pagamenti. Għall-aħħar rapport annwali tal-2018 dwar il-Fond u l-immaniġġar tiegħu (COM(2019) 363 final) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tiegħu (SWD(2019)314 final) approvat fil-5.8.2019, huma disponibbli fuq http://eur-lex.europa.eu/homepage.html.

14 Għal rapport komprensiv dwar il-funzjonament tal-Fond u r-rata ta' proviżjonament fil-mira, ara COM(2014) 214 final tat-8.4.2014 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tiegħu (2014) 129 final.

Jekk ir-riżorsi tal-Fond ma jkunux biżżejjed, il-baġit tal-UE jipprovdi l-fondi neċessarji. L-assi tal-Fond huma ġestiti mill-BEI.

## 2.4 Il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") u l-Fond Ewropew tal-Investiment ("FEI") ta' operazzjonijiet fl-Istati Membri koperti mill-garanziji tal-UE - Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) huwa l-qafas tal-pjan ta' investiment għall-Ewropa, immirat lejn it-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fit-tul fl-Unjoni Ewropea.

Il-Garanzija tal-UE[15] tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment iffirmati mill-BEI taħt il-parti ewlenija tat-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni ("IIW"), u mill-FEI taħt it-Tieqa għall-SMEs ("SMEW") u s-sottotieqa ta' investiment ta' SME / MidCap tal-IIW. Parti mill-operazzjonijiet ġenerali tal-FEIS hija koperta mill-Garanzija tal-UE filwaqt li parti oħra titwettaq b'riskju proprju tal-Grupp tal-BEI[16].

Il-BEI u l-FEI huma responsabbli li jivvalutaw u jimmonitorjaw ir-riskju tal-operazzjonijiet individwali u jirrapportaw lura lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

<u>Fond ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FG tal-FEIS)</u>[17]

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament FEIS, il-FG tal-FEIS għandu jikkostitwixxi riżerva ta' likwidità li minnha jitħallas il-BEI fil-każ li ssir eżerċitazzjoni fuq il-Garanzija tal-UE. B'konformità mal-Ftehim dwar il-FEIS bejn l-UE u l-BEI, is-sejħiet jitħallsu mill-FG tal-FEIS jekk l-ammont tagħhom ikun akbar mill-fondi għad-dispożizzjoni tal-BEI fil-kont tal-FEIS. Il-Kont tal-FEIS, immaniġġjat mill-BEI, ġie stabbilit għall-għan li jinġabar id-dħul u l-ammonti rkuprati tal-UE li jirriżultaw minn operazzjonijiet tal-FEIS taħt il-Garanzija tal-UE u, sa fejn iwassal il-bilanċ disponibbli, għall-pagament ta' sejħiet taħt il-Garanzija tal-UE.

Il-Fond ta' Garanzija għandu jinżamm f'ċertu perċentwal[18] (l-Ammont fil-Mira) tal-ammont totali tal-obbligi taħt il-Garanzija tal-UE, li bħalissa huwa 35 %. B'hekk, ir-riżerva ta' likwidità hija maħsuba biex tipprovdi marġni ta' sikurezza xieraq filwaqt li tevita li l-baġit tal-Unjoni jiġi espost għal sejħiet għal pagament ta' garanzija f'daqqa, li jistgħu jinvolvu tnaqqis fl-infiq jew emendi baġitarji. Għalhekk, hija tikkontribwixxi għall-prevedibbiltà tal-qafas baġitarju.

Il-FG tal-FEIS jiġi fornut progressivament, b'kont meħud taż-żieda fl-iskopertura li ġġarrab il-Garanzija tal-UE.

Skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament FEIS, ir-riżorsi tal-FG tal-FEIS huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni u investiti f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba skont regoli prudenzjali xierqa.

---

15 Id-daqs tal-Garanzija tal-UE żdied minn EUR 16-il biljun għal EUR 26 biljun bl-Emenda FEIS 2.0.

16 Id-daqs tal-Garanzija tal-Grupp tal-BEI żdied minn EUR 5 biljun għal EUR 7.5 biljun bl-Emenda FEIS 2.0.

17 Għal aktar informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS, ara COM(2019) 244 final tat-28.05.2019.

18 L-Ammont fil-Mira ġie stabbilit oriġinarjament fl-Artikolu 12(5) tar-Regolament FEIS għal 50 % tal-obbligi ta' garanzija totali tal-UE. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament FEIS 2.0, l-Ammont fil-Mira huwa stabbilit għal 35 % tal-obbligi ta' garanzija totali tal-UE.

Il-BEI u l-FEI huma responsabbli li jivvalutaw u jimmonitorjaw ir-riskju tal-operazzjonijiet individwali appoġġati mill-Garanzija tal-UE. Abbażi ta' dan ir-rapportar u suppożizzjonijiet koerenti u prudenti dwar l-attività futura, il-Kummissjoni tiżgura l-adegwatezza tal-ammont fil-mira u tal-livell tal-FG tal-FEIS rieżaminat. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament FEIS, il-BEI u l-FEI rrapurtaw lura lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri f'Marzu 2019.

Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament FEIS, ir-rapport annwali tal-BEI lill-Parlament Ewropew u lill Kunsill għandu jkun fih informazzjoni speċifika dwar ir-riskju aggregat assoċjat mal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment li jsiru skont il-FEIS kif ukoll dwar is-sejħiet għal pagament ta' garanzija.

## 2.5 Mekkaniżmi ta' mmaniġġar tal-kriżijiet li **mhumiex** koperti mill-baġit tal-UE

Bħala parti mit-tweġiba għall-kriżi, ġew stabbiliti diversi mekkaniżmi oħra li, madankollu, ***ma*** jimplikaw l-ebda riskju għall-baġit tal-UE u huma msemmija biss hawn taħt għall-għan ta' kompletezza:

- *il-Faċilità tas-Self għall-Greċja (GLF)*[19] li hija ffinanzjata permezz ta' self bilaterali mill-Istati Membri l-oħra taż-żona tal-euro lill-Greċja u mmaniġġjata ċentralment mill-Kummissjoni.

- *Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF)*[20]: L-EFSF inħolqot mill-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala mekkaniżmu ta' salvataġġ temporanju f'Ġunju 2010 sabiex tipprovdi assistenza finanzjarja lil Stati Membri taż-żona tal-euro fil-qafas ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku. It-Trattat li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' salvataġġ permanenti, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012. Mill-1 ta' Lulju 2013, l-EFSF qed tkompli bil-programmi fis-seħħ tagħha għall-Greċja (flimkien mal-FMI u xi Stati Membri) kif ukoll għall-Irlanda u għall-Portugall (flimkien mal-FMI, xi Stati Membri u l-UE/EFSM)[21] iżda ma għadhiex involuta fi programmi ta' finanzjament jew ftehimiet ta' faċilità ta' self ġodda.

- *Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)*[22]: Il-MES huwa komponent importanti tal-istrateġija komprensiva tal-UE maħsuba biex tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fiż-żona tal-euro billi jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro li jkunu qed jesperjenzaw jew ikunu mhedda minn diffikultajiet ta' finanzjament. Dan huwa organizzazzjoni intergovernattiva skont id-dritt internazzjonali pubbliku, ibbażat fil-Lussemburgu, b'kapaċità effettiva ta' għoti ta' self ta' EUR 500 biljun.

# 3. EVOLUZZJONI TAL-OPERAZZJONIJIET GARANTITI

Din it-taqsima tispjega l-evoluzzjoni tal-operazzjonijiet garantiti; l-ewwel ta' dawk immaniġġati direttament mill-Kummissjoni u t-tieni, ta' dawk immaniġġati mill-BEI.

Tabella 1: Ammonti pendenti totali koperti mill-baġit tal-UE fil-It-Tnejn, 31 ta' Diċembru 2018, (f'miljuni ta' EUR)

| | Kapital | Imgħax Dovut | Total | % |
|---|---|---|---|---|

[19] Dwar il-GLF: http://ec.europa.eu/economy_finance/assistance_eu_ms/greek_loan_facility/index_mt.htm.
[20] Dwar l-EFSF: http://www.efsf.europa.eu.
[21] Is-self mogħti skont l-UE/EFSM huwa ggarantit mill-baġit tal-UE.
[22] Dwar il-MES: http://esm.europa.eu.

| | Pendenti | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Stati Membri*** | | | | |
| **Euratom** | 152.9 | 0.5 | 153.4 | 0.2% |
| **Bilanċ tal-Pagamenti** | 1,700.0 | 33.9 | 1,733.9 | 2.1% |
| **Il-BEI** | 1,141.0 | 9.0 | 1,150.0 | 1.4% |
| **L-EFSM** | 46,800.0 | 600.0 | 47,400.0 | 57.5% |
| **Subtotal tal-Istati Membri**** | 49,793.9 | 643.3 | 50,437.2 | 61.2% |
| **Pajjiżi Terzi***** | | | | |
| **MFA** | 4,360.7 | 26.8 | 4,387.6 | 5.3% |
| **Euratom** | 100.0 | 0.5 | 100.5 | 0.1% |
| **BEI****** | 27,395.2 | 147.6 | 27,542.8 | 33.4% |
| **Subtotal tal-pajjiżi terzi** | 31,855.9 | 174.9 | 32,030.9 | 38.8% |
| **Total** | 81,649.9 | 818.2 | 82,468.1 | 100% |

* Dan ir-riskju hu kopert direttament mill-baġit tal-UE. Dan jinkludi wkoll is-self tal-Euratom u tal-BEI li ngħata lil Pajjiżi tal-Istati Membri qabel l-adeżjoni tagħhom mal-UE.

** Dawn iċ-ċifri ma jinkludux operazzjonijiet tal-FEIS, fejn EUR 15.8 biljun ġew żborżati sad-data tar-rapportar.

*** Ir-riskju kopert mill-Fond huwa limitat għal EUR 18-il biljun minħabba l-limitazzjonijiet tal-garanziji mogħtija lill-BEI taħt kull wieħed mill-mandati ta' self estern (ELM) (ara t-taqsima 2.1.3 - Garanziji mogħtija lill-BEI tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal assoċjat).

**** Huwa inkluż is-self surrogat lill-UE wara l-inadempjenzi tas-Sirja u ta' Enfidha (it-Tuneżija) fuq self mill-BEI (ammont: EUR 502.02 miljun inkluż kapital pendenti, l-imgħax dovut u l-penali). Dan is-self ġie kompletament indebolit fir-Rapporti Finanzjarji tal-UE tal-2015, tal-2016, tal-2017 u tal-2018.

It-Tabelli A1, A2a, A2b u A3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni jagħtu informazzjoni iktar iddettaljata dwar dawn l-ammonti pendenti, b'mod partikolari f'termini tal-limitu massimu, tal-ammonti żborżati u tar-rati ta' garanzija kkonċernati.

### 3.1 Operazzjonijiet immaniġġati direttament mill-Kummissjoni

Is-sostenn finanzjarju għall-pajjiżi terzi kif ukoll għall-Istati Membri fil-forma ta' self bilaterali ffinanzjati mis-swieq kapitali bil-garanzija tal-baġit tal-UE jingħata mill-Kummissjoni permezz ta' bosta atti legali tal-Kunsill jew tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, skont l-objettivi segwiti. Il-konsistenza tas-sostenn finanzjarju lil pajjiżi terzi mal-objettivi kumplessivi tal-politika ta' azzjoni esterna tal-UE hija żgurata mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà megħjuna mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

B'hekk, sabiex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet tal-għoti b'self deċiżi mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq tal-kapital kemm f'isem l-Unjoni Ewropea kif ukoll f'isem l-Euratom. L-għoti u t-teħid b'self jitwettqu bħala operazzjonijiet spalla ma' spalla għax dan jiżgura li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew mal-kambju. It-teħid b'self pendenti huwa pariġġat b'għoti ta' self pendenti.

Tabella 1b Operazzjonijiet tal-UE fl-2018 (f'miljuni ta' EUR)

| Strument | Benefiċjarju (porzjon ta' pagament parzjali) | Data tal-iżborż | Maturità | Ammont | Totali għal kull programm |
|---|---|---|---|---|---|
| EFSM | L-Irlanda - it-tieni estensjoni | 06/02/2018 | 04/04/2025 | 2 400 | 4 500 |
| | | 06/03/2018 | 04/04/2033 | 1 000 | |
| | L-Irlanda - it-tielet estensjoni | 29/06/2018 | 04/04/2033 | 500 | |
| | Il-Portugall - it-tieni estensjoni | 29/06/2018 | 04/04/2033 | 600 | |
| Euratom | Energoatom (l-Ukrajna) - it-tieni pagament parzja | 06/07/2018 | 06/07/2028 | 50 | 50 |
| MFA | Il-Georgia MFA II - l-ewwel pagament parzjali | 11/12/2018 | 04/04/2033 | 15 | 515 |
| | L-Ukrajna MFA IV - l-ewwel pagament parzjali | 11/12/2018 | 04/04/2033 | 500 | |
| | | | | Total | 5 065 |

Tabella 2: Operazzjonijiet ġodda ta' għoti u teħid b'self (iggarantiti mill-baġit tal-Unjoni) ippjanati għall-2019 u l-2020 (f'miljuni ta' EUR)

| Strument | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| **A. Operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self tal-Unjoni u tal-Euratom b'garanzija tal-baġit tal-Unjoni** | | |
| 1. Assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għall-pajjiżi terzi (MFAs) | | |
| *Operazzjonijiet deċiżi jew skedati:* | | |
| Il-Georgja II | 20 | |
| Il-Ġordan II | 100 | |
| Il-Moldova | 20 | 40 |
| It-Tuneżija II | 150 | 150 |
| L-Ukrajna IV | 500 | |
| **Subtotal MFA** | **790** | **190** |
| 2. Self tal-Euratom | **100** | **100** |
| 3. Bilanċ tal-pagamenti | **0** | **0** |
| 4. Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) | 0 | 0 |
| **Subtotal A** | **890** | **290** |
| **B. Self tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'garanzija tal-baġit tal-Unjoni** | | |
| 1. Pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni | 1 200 | 1 490 |
| 2. Pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija | 2 523 | 2 749 |
| 3. L-Asja u l-Amerika Latina | 559 | 623 |
| 4. Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel | 78 | 79 |
| **Subtotal B** | **4 359** | **4 940** |
| **Numru totali** | **5 249** | **5 230** |

### *3.1.1 Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (il-MESF)*

Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9/10 ta' Mejju 2010, il-Kunsill ECOFIN ippreveda volum tal-mekkaniżmu ta' EUR 60 biljun[23]. Barra minn hekk, l-Istati Membri taż-żona tal-euro kienu lesti biex jikkumplimentaw dawn ir-riżorsi jekk ikun meħtieġ. L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 407/2010[24] jillimita l-ammont pendenti ta' self jew ta' linji ta' kreditu li għandhom jingħataw lill-Istati Membri għall-marġni disponibbli skont il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Kunsill li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lill-Irlanda[25] (sa EUR 22.5 biljun) u lill-Portugall[26] (sa EUR 26 biljun), l-iżborżi laħqu EUR 22.5 biljun lill-Irlanda u EUR 24.3 biljun lill-Portugall (il-EUR 1.7 biljun li fadal ma ġewx mitluba mill-Gvern Portugiż). Għalhekk, l-EFSM fadallu kapaċità ta' EUR 13.2 biljun sabiex ikun jista' jipprovdi assistenza ulterjuri, jekk din tkun meħtieġa.

F'April 2013, il-Grupp tal-Euro/ECOFIN iddeċieda li jżid il-maturità massima medja ponderata tas-self tal-EFSM minn 12,5-il sena għal 19,5-il sena, u b'hekk joffri possibbiltà lill-pajjiżi benefiċjarji biex jitolbu għall-estensjoni tal-maturitajiet tas-self sal-2026 (segment b'segment).

Żviluppi matul l-2018

L-Irlanda

Talba biex jitwal is-self tal-EFSM ta' EUR 3.4 biljun - żborżat lill-Irlanda f'Marzu 2011 u li kien dovut fl-4 ta' April 2018 - waslet mingħand l-Irlanda fis-27 ta' Novembru 2017. Is-self ġie ffinanzjat mill-ġdid matul l-ewwel kwart tal-2018 f'żewġ tranżazzjonijiet b'maturitajiet f'April 2025 (EUR 2.4 biljun) u April 2033 (EUR 1 biljun).

Barra minn hekk, talba addizzjonali biex jitwal is-self tal-EFSM ta' EUR 500 miljun żborżat lill-Irlanda f'Ottubru 2011 u li huwa dovut fl-4 ta' Ottubru 2018 waslet mingħand l-Irlanda fit-tieni kwart tal-2018. Is-self ġie ffinanzjat mill-ġdid f'Ġunju 2018 billi żdied il-bond eżistenti b'maturità f'April 2033 (EUR 500 miljun).

Wara l-estensjonijiet tal-maturità b'7 snin (EUR 2.4 biljun) u bi 15-il sena (EUR 1.5 biljun) fil-Q1/2018 u l-Q2/2018, il-maturità medja ponderata tas-self tal-EFSM lill-Irlanda issa hija ta' 17.1 snin.

Il-Portugall

Talba biex jitwal is-self tal-EFSM ta' EUR 600 miljun żborżat lill-Portugall f'Ottubru 2011 u li huwa dovut fl-4 ta' Ottubru 2018 waslet mingħand il-Portugall fit-tieni kwart tal-2018. Is-

[23] Ara l-Istqarrija għall-istampa dwar il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ecofin tad-9/10 ta' Mejju 2010 (http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/114324.pdf).

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p.1).

[25] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 348).

[26] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tat-30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88); ara wkoll ir-rettifika (ĠU L 178, 10.7.2012, p. 15).

self ġie ffinanzjat mill-ġdid f'Ġunju 2018 billi żdied il-bond eżistenti b'maturità f'April 2033 (EUR 600 miljun).

Wara l-estensjoni tal-maturità bi 15-il sena (EUR 600 miljun) fil-Q2/2018, il-maturità medja ponderata tas-self tal-EFSM lill-Portugall issa hija ta' 15.3 snin.

### *3.1.2 Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BOP)*

L-assistenza finanzjarja tal-UE fuq terminu medju permezz tal-faċilità tal-BOP ġiet riattivata fl-aħħar tal-2008 biex tgħin lill-Ungerija u sussegwentement lil-Latvja u lir-Rumanija biex jerġgħu jistabbilixxu l-fiduċja fis-suq għal impenn totali ta' EUR 14.6 biljun, li minnhom ġew żborżati EUR 13.4 biljun.

Żviluppi matul l-2018

Ir-Rumanija ħallset lura żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 1.2 biljun f'April 2018 u EUR 150 miljun f'Ottubru 2018. L-ammont pendenti ta' self tal-BOP b'hekk naqas minn EUR 3.05 biljun għal EUR 1.7 biljun fl-2018.

Fil-31 ta' Diċembru 2018, il-faċilità tal-BOP kien fadlilha kapaċità ta' EUR48.3 biljun minn limitu massimu globali ta' EUR 50 biljun, biex tipprovdi aktar assistenza, jekk din tkun meħtieġa.

### *3.1.3 Self ta' Assistenza Makrofinanzjarja (MFA)*

Bħala regola ġenerali, id-deċiżjonijiet tal-MFA huma meħuda mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (l-Artikolu 212 tat-TFUE). Madankollu, il-Kunsill jista' jadotta d-deċiżjoni fuq proposta mill-Kummissjoni meta s-sitwazzjoni f'pajjiż terz tkun teħtieġ għajnuna finanzjarja urġenti (l-Artikolu 213 tat-TFUE). Dik il-proċedura ntużat fit-tieni pakkett MFA għall-Ukrajna fl-2014.

Żviluppi matul l-2018

**Il-Georgia**

Fit-18 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu aktar MFA ta' mhux aktar minn EUR 45 miljun lill-Georgia (MFA II), li tikkonsisti f'element ta' għotja ta' EUR 10 miljun u self ta' EUR 35 miljun[27].

L-ewwel porzjon ta' self ta' EUR 15-il miljun (mill-EUR 35 miljun) tat-tieni programm tal-Georgia (MFA II) ġie żborżat

f'Diċembru 2018.

**L-Ukrajna**

Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu aktar MFA ta' mhux aktar minn EUR 1 biljun lill-Ukrajna (MFA IV), li tikkonsisti f'żewġ porzjonijiet ta'

[27] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/598 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia (ĠU L 103, 23.04.2015, p. 8).

EUR 500 miljun kull wieħed bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-aġenda tal-Ukrajna għall-istabbilizzazzjoni ekonomika u r-riforma sostantiva[28].

L-ewwel porzjon ta' EUR 500 miljun tar-raba' programm tal-Ukrajna (MFA IV) ġie żborżat f'Diċembru 2018.

**Ir-Repubblika tal-Moldova**

Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova ta' EUR 100 miljun (sa EUR 60 miljun jingħataw bħala self u sa EUR 40 miljun f'għamla ta' għotjiet) [29].

Din l-operazzjoni hija attwalment sospiża minħabba nuqqas ta' konformità mal-prekundizzjonijiet politiċi.

Informazzjoni addizzjonali

Fir-rigward tar-ripagamenti, tħallsu lura EUR 55.73 miljun mill-pajjiżi benefiċjarji: L-Albanija (EUR 1.8 miljun), il-Bożnija-Ħerzegovina (EUR 4 miljun), il-Maċedonja ta' Fuq (EUR 5.6 miljun), il-Montenegro (EUR 1.10 miljun) u s-Serbja (EUR 43.23 miljun).

L-ammont pendenti ta' self tal-MFA żdied minn EUR 3.9 biljun għal EUR 4.4 biljun bejn il-31 ta' Diċembru 2017 u l-31 ta' Diċembru 2018. Self lill-Ukrajna jirrappreżenta 76 % tal-iskopertura totali tal-MFA.

*3.1.4 Self mill-Euratom*

Is-self tal-Euratom lill-Istati Membri jew f'ċerti pajjiżi eliġibbli li mhumiex membri (bħalissa l-Federazzjoni Russa, l-Armenja, l-Ukrajna) għandu limitu massimu ta' EUR 4 biljun, li minnhom diġà ġew żborżati madwar 92 %. EUR 326 miljun jibqgħu taħt id-Deċiżjoni tal-EUR 4 biljun.

L-Ukrajna

Self ta' EUR 300 miljun lill-Ukrajna ddedikat għat-titjib fis-sikurezza ta' faċilitajiet nukleari eżistenti ngħata permezz tad-Deċiżjoni COM tal-24/06/2013[30]. Is-self se jiġi pprovdut f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERŻ, li b'mod parallel se jipprovdi self ieħor ta' EUR 300 miljun.

Dan is-self jibbenefika minn garanziji mill-Istat li jkopru 100 % tal-ammonti pendenti fi tmiem is-sena. L-ewwel porzjon tal-Euratom ta' EUR 50 miljun ġie żborżat f'Mejju 2017 u t-tieni porzjon tal-Euratom ta' EUR 50 miljun ġie żborżat f'Ġunju 2018.

Il-Bulgarija u r-Rumanija

Self ta' EUR 212.5 miljun ingħata lill-Bulgarija fil-forma ta' faċilità ta' aktar minn valuta waħda għall-immodernizzar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy (Unitajiet 5 u 6).

---

28 Id-Deċiżjoni (UE) 2018/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Ukrajna (ĠU L 171, 6.7.2018, p. 11).

29 Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.09.2017, p.14).

30 C(2013) 3496.

Il-ftehim dwar is-self iffirmat bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-AEZ "Kozloduy" EAD ġie ffirmat fid-29 ta' Mejju 2000. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-ammont pendenti kien ta' EUR 33.8 miljun.

Self ta' EUR 223.5 miljun ingħata lir-Rumanija fil-forma ta' faċilità ta' aktar minn valuta waħda għat-tlestija tal-Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari Cernavoda. Il-ftehim dwar is-self iffirmat bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u Societatea Nationala Nuclearelectrica S.A. ġie ffirmat fil-11 ta' Ġunju 2004. Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-ammont pendenti kien ta' EUR 119.1 miljun.

Mill-1 ta' Jannar 2007, meta l-Bulgarija u r-Rumanija saru Stati Membri, ir-riskju pendenti ta' dawn l-operazzjonijiet kien kopert direttament mill-Baġit tal-UE u mhux aktar mill-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni.

### 3.2 L-evoluzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament estern tal-BEI

Żviluppi matul l-2018

Skont il-mandat ELM tal-BEI li jkopri l-perjodu mill-2014 sal-2020, ammont totali ta' EUR 17.64 biljun kien ġie ffirmat fil-31 ta' Diċembru 2018, li minnu EUR 5.77 biljun biss ġew żborżati f'dik id-data, u dan ħalla kapital pendenti ta' EUR 5.41 biljun (ara t-Tabella A3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal). Għal aktar informazzjoni dwar il-pajjiżi koperti mill-mandati tal-BEI, ara t-Tabelli A1, A3 u A4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Għall-mandati ta' self estern tal-BEI ta' qabel, ara t-Tabella A3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

Inadempjenzi fuq pagamenti tal-imgħax u ripagamenti ta' self mill-Gvern Sirjan komplew fl-2018. Il-BEI talab lill-Fond ta' Garanzija biex ikopri dawn l-inadempjenzi (ara l-paragrafu 5.2 hawn taħt).

L-ammonti pendenti fil-31 ta' Diċembru 2018 għad-diversi faċilitajiet imsemmija f'din it-taqsima huma ppreżentati fit-Tabella 1.

## 4. RISKJI KOPERTI MILL-BAĠIT TAL-UE

### 4.1 Definizzjoni ta' riskju

Ir-riskju merfugħ mill-baġit tal-UE ġej mill-ammont ta' kapital u ta' imgħax pendenti fir-rigward tal-operazzjonijiet garantiti.

Għall-fini ta' dan ir-rapport, jintużaw żewġ metodi għall-evalwazzjoni tar-riskji merfugħa mill-baġit tal-UE (direttament jew indirettament permezz tal-Fond):

– "Ir-riskju totali kopert" huwa bbażat fuq is-somma tal-ammont totali tal-kapital pendenti għall-operazzjonijiet ikkonċernati f'data speċifika, inkluż l-imgħax dovut[31].

– L-approċċ baġitarju ddefinit bħala "ir-riskju annwali merfugħ mill-baġit tal-UE" huwa bbażat fuq il-kalkolu tal-ammont massimu ta' pagamenti annwali dovuti li l-UE jkollha

[31] Ara t-Tabella 1 tar-Rapport.

tħallas f'sena finanzjarja jekk wieħed jassumi li l-pagamenti kollha tas-self garantit ikunu inadempjenti[32].

## 4.2 Kompożizzjoni totali tar-riskju

Sal-2010 ir-riskju massimu f'termini ta' ammonti pendenti totali koperti kien prinċipalment marbut ma' self mogħti lill-pajjiżi terzi. Mill-2011 'l hawn, il-kriżi finanzjarja affettwat b'mod qawwi l-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri u dan wassal għal żieda fl-attività tas-self tal-UE biex issostni l-ħtiġijiet ta' finanzjament sovran fl-Istati Membri.

Bħala konsegwenza ta' dan, il-kompożizzjoni tar-riskju nbidlet. Fil-31 ta' Diċembru 2018, 61.2 % tal-ammont pendenti totali[33] jirrigwarda operazzjonijiet tat-teħid ta' self marbuta ma' self lill-Istati Membri li huwa kopert direttament mill-baġit tal-UE (imqabbla ma' 45 % fil-31.12.2010).

## 4.3 Riskju annwali kopert mill-baġit tal-UE

B'referenza għas-self pendenti fil-31 ta' Diċembru 2018 (ara t-Tabella 1 hawn fuq) l-ammont massimu li l-UE jkollha tħallas matul is-sena 2019 (direttament jew permezz tal-Fond) - jekk wieħed *jassumi* li s-self garantit *kollu* jkun inadempjenti - huwa ta' EUR 6 337 miljun. Dan jirrappreżenta l-pagamenti tal-kapital u tal-imgħax mis-self garantit dovut fl-2019, jekk wieħed jassumi li s-self inadempjenti ma jaċċellerax (għad-dettalji ara t-Tabella A4 fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal).

### *4.3.1 Skopertura tal-Istat Membru*

Fl-2019, l-UE se terfa' riskju annwali massimu marbut mal-operazzjonijiet mal-Istati Membri (SM) ta' EUR 2 953.1 miljun (46.6 % tar-riskju annwali totali). Dan ir-riskju jikkonċerna:

(a) self tal-BEI u/jew self tal-Euratom mogħti qabel l-adeżjoni tal-SM mal-UE;

(b) is-self mogħti fil-faċilità tal-BOP, u

(c) is-self mogħti fl-iskema EFSM.

---

32 Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, wieħed jassumi li s-self inadempjenti ma jaċċellerax, jiġifieri jitqiesu biss il-pagamenti dovuti (ara wkoll it-Tabelli 2 u 3 tar-rapport u t-Tabella A4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal).

33 Ara t-Tabella 1.

Tabella 2: Klassifikazzjoni tal-Istati Membri skont ir-riskju annwali merfugħ mill-baġit tal-UE fl-2019 (f'miljuni ta' EUR)

| L-ikklassifikar | Il-pajjiż | Self | Riskju annwali massimu | Il-piż ta' riskju tal-pajjiż fir-rigward tar-riskju annwali tal-SM | Il-piż tal-pajjiż fir-rigward tar-riskju annwali totali tal-2019 (SM u mhux SM) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | Ir-Rumanija | a+b) | 1,188.58 | 40.2% | 18.8% |
| **2** | Il-Portugall | c) | 584.84 | 19.8% | 9.2% |
| **3** | Il-Latvja | a+b) | 524.04 | 17.7% | 8.3% |
| **4** | L-Irlanda | c) | 518.98 | 17.6% | 8.2% |
| **5** | Il-Bulgarija | a) | 54.85 | 1.9% | 0.9% |
| **6** | Il-Kroazja | a) | 34.11 | 1.2% | 0.5% |
| **7** | Il-Polonja | a) | 18.90 | 0.6% | 0.3% |
| **8** | Is-Slovakkja | a) | 13.40 | 0.5% | 0.2% |
| **9** | Ir-Repubblika Ċeka | a) | 12.62 | 0.4% | 0.2% |
| **10** | Il-Litwanja | a) | 2.74 | 0.1% | 0.0% |
| **Total** | | | 2,953.1 | 100.0% | 46.6% |

### *4.3.2 Skopertura ta' pajjiż terz*

Fl-2019, il-Fond se jerfa' riskju annwali massimu marbut mal-iskopertura għal pajjiżi terzi ta' EUR 3 383.8 miljun (53.4 % tar-riskju annwali totali). Ir-riskju marbut mal-pajjiżi terzi jirrigwarda s-self tal-BEI, self tal-MFA u tal-Euratom (id-dettalji huma inklużi fit-Tabella A2b tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal). Il-Fond ikopri s-self garantit li jikkonċerna lil pajjiżi terzi b'dati ta' maturità li jestendu sal-2042.

Il-pajjiżi li qegħdin fl-ewwel 10 postijiet (minn 46 li mhumiex Stat Membru) huma kklassifikati hawn taħt skont ripagamenti dovuti fl-2019. Huma jirrappreżentaw EUR 2 864.50 miljun jew 84.7 % tar-riskju annwali relatat ma' pajjiżi terzi merfugħ mill-Fond għall-2019. Il-qagħda ekonomika ta' dawk il-pajjiżi hija analizzata u diskussa fil-punt 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal. L-affidabbiltà kreditizja, kif ivvalutata mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni hija wkoll indikata fit-tabella ta' kull pajjiż.

Tabella 3: Klassifikazzjoni tal-**10 pajjiżi terzi** bl-ogħla skopertura skont ir-riskju annwali merfugħ mill-baġit tal-UE fl-2019 (f'miljuni ta' EUR)

| L-ikklassifikar | Il-pajjiż | Riskju annwali massimu | Il-piż tal-pajjiż fir-rigward tar-riskju annwali tal-pajjiżi terzi | Il-piż tal-pajjiż fir-rigward tar-riskju annwali totali tal-2019 (SM u mhux SM) |
|---|---|---|---|---|
| **1** | It-Turkija | 977.50 | 28.9% | 15.4% |
| **2** | L-Eġittu | 739.28 | 21.8% | 11.7% |
| **3** | It-Tuneżija | 279.98 | 8.3% | 4.4% |
| **4** | Il-Marokk | 260.06 | 7.7% | 4.1% |
| **5** | Is-Serbja | 187.00 | 5.5% | 3.0% |
| **6** | L-Ukrajna | 161.05 | 4.8% | 2.5% |
| **7** | Il-Bożnija-Ħerzegovina | 73.41 | 2.2% | 1.2% |
| **8** | Il-Libanu | 64.53 | 1.9% | 1.0% |
| **9** | L-Afrika t'Isfel | 62.76 | 1.9% | 1.0% |
| **10** | Il-Panama | 58.94 | 1.7% | 0.9% |
| **Total (l-ewwel 10)** | | 2,864.50 | 84.7% | 45.2% |

# 5. ATTIVAZZJONI U PAGAMENT TA' GARANZIJI

## 5.1 Dejn mhux kopert mill-Fond ta' Garanzija għal Azzjoni Esterna (self tal-Euratom lill-Istati Membri, l-EFSM u l-BoP)

L-Artikolu 323 tat-TFUE jiddikjara li "l-mezzi finanzjarji jkunu disponibbli biex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi". Għalhekk, il-qafas leġiżlattiv tal-UE u l-proċeduri fis-seħħ jiżguraw li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli b'mod obbligatorju għall-baġit tal-UE l-mezzi finanzjarji meħtieġa sabiex l-Unjoni dejjem tissodisfa l-obbligi legali tagħha.

B'hekk l-UE għandha fis-seħħ ħafna saffi ta' mekkaniżmi ta' sikurezza b'saħħithom biex tiżgura li dejjem se tħallas lura lill-mutwanti tagħha stess fil-ħin u bis-sħiħ. Kull wieħed mill-mekkaniżmi ta' sikurezza ewlenin fih innifsu jkun biżżejjed biex jiżgura li r-rimborżi jsiru.

### *5.1.1 Pagamenti mir-riżorsi ta' flus*

Il-baġit tal-UE b'mod provviżorju jkopri s-servizz ta' dejn f'dati ta' skadenza f'każ li d-debitur jonqos milli jħallas lura s-self tiegħu lill-UE fil-ħin. Il-Kummissjoni tagħmel użu mir-

riżorsi ta’ flus tagħha biex tevita d-dewmien u kwalunkwe kost li jirriżulta meta hija twettaq l-operazzjonijiet ta’ self tagħha[34].

Filwaqt li wieħed iżomm f’moħħu li l-maġġoranza ta’ nefqiet isseħħ matul l-ewwel tliet xhur ta’ kull sena, it-tifdija tad-dejn hija strutturata għax-xhur ta’ warajhom kif ukoll għall-bidu ta’ kull xahar meta l-bilanċi tal-flus ikunu l-ogħla.

### *5.1.2 Pagamenti mill-baġit tal-UE*

F’każ ta’ inadempjenza minn Stat Membru[35] u jekk ir-riżorsi proprji tal-UE jkunu insuffiċjenti, il-Kummissjoni tista’ tuża r-riżorsi disponibbli tal-baġit tal-UE u tipprijoritizza r-ripagament ta’ djun fuq nefqiet oħrajn mhux obbligatorji. Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014, jekk dan ma jkunx biżżejjed, il-leġiżlazzjoni tal-UE tobbliga lill-Istati Membri biex jipprovdu kontribuzzjonijiet addizzjonali meħtieġa biex jitħallas lura d-dejn u jiġi bbilanċjat il-baġit, sa massimu ta’ 1.20 % tal-ING tal-UE. Jekk ikun hemm il-bżonn, il-leġiżlazzjoni tal-UE tippermetti lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu b’mod indipendenti mis-sehem tagħhom għall-baġit tal-UE.

Minħabba li ma kienx hemm inadempjenzi mill-Istati Membri matul is-sena 2018, ma ntalbet l-ebda approprjazzjoni.

## 5.2 Sejħiet fuq il-Fond ta’ Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni u rkupri (ELM, MFA u self Euratom lil Pajjiżi terzi)

Fil-każ ta’ pagament tardiv mill-benefiċjarju ta’ self lill-pajjiżi terzi mogħti jew garantit mill-UE, il-Fond ta’ Garanzija jissejjaħ biex ikopri l-inadempjenza fi żmien tliet xhur mit-talba.

Għas-self ELM, l-ammonti eżerċitati mill-BEI jinġibdu mill-kont tal-Fond ta’ Garanzija wara awtorizzazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni. Meta l-UE tagħmel pagament skont il-Garanzija tal-UE, hija tkun surrogata fid-drittijiet u r-rimedji tal-BEI [36]. Għal self tal-Euratom u tal-MFA, jekk id-dewmien fil-pagament jilħaq tliet xhur wara d-data dovuta, il-Kummissjoni tiġbed mill-Fond biex tkopri l-inadempjenza[37] u biex tirriforni t-teżor tagħha.

---

[34] Ara l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta’ Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

[35] Ara l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

[36] Ara l-Artikolu 8.7 tad-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta’ finanzjament li jappoġġaw proġetti ta’ investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1), emendat bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta’ finanzjament li jappoġġaw proġetti ta’ investiment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

[37] Ħlief għall-Bulgarija u r-Rumanija li ngħataw self tal-Euratom qabel ma ssieħbu fl-Unjoni. Is-self (u garanziji għal self) għal pajjiżi ta’ adeżjoni kienu koperti mill-Fond sad-data tal-adeżjoni. Minn dik id-data, dawk li baqgħu pendenti ma baqgħux azzjonijiet esterni tal-Unjoni u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-UE.

Fil-kuntest tal-ELM, il-proċedimenti ta' rkupru jitwettqu mill-BEI f'isem l-UE fir-rigward tal-ammonti surrogati[38].

*Self mill-BEI għal proġetti fis-Sirja*

Sa minn Diċembru 2011, il-BEI esperjenza inadempjenzi fuq ċerti pagamenti ta' mgħax u ripagamenti ta' self mill-Gvern Sirjan. Minħabba li t-talbiet għall-pagament uffiċjali baqgħu ma rnexxewx, il-BEI għamel talba lill-Fond ta' Garanzija f'Mejju 2012. L-evoluzzjoni tas-sejħiet li tikkorrispondi għal self inadempjenti fis-Sirja hija ppreżentata fit-Tabella 4a.

Tabella 4a: Sejħiet fuq il-Fond ta' Garanzija minħabba self inadempjenti fis-Sirja (f'miljuni ta' EUR)

| Sena (Ġbid mill-kont tal-FG fi) | Għadd ta' sejħiet imħallsa | Ammont tal-pagamenti parzjali dovuti | Penali u l-imgħaxijiet dovuti[39] | Ammont irkuprat | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 2012 | 2 | 24.0 | 0.0 | 2.1 | 21.8 |
| 2013 | 8 | 59.3 | 1.4 | 0.0 | 60.7 |
| 2014 | 8 | 58.7 | 1.5 | 0.0 | 60.2 |
| 2015 | 8 | 58.7 | 1.5 | 0.0 | 60.2 |
| 2016 | 12 | 103.8 | 2.4 | 0.0 | 106.2 |
| 2017 | 13 | 56.1 | 0.2 | 0.0 | 56.3 |
| 2018 | 12 | 55.7 | 0.1 | 0.0 | 55.7 |
| Total | 63 | 416.17 | 7.03 | 2.1 | 421.1 |

Fil-31 ta' Diċembru 2018, il-kapital totali ta' self garantit pendenti relatat mas-Sirja kien jammonta għal EUR 555 miljun tal-kapital[40], bis-self finali jimmatura fl-2030.

*TAV Tunisie S.A. (Ajruport ta' Enfidha)*

Fl-2016, il-BEI sejjaħ il-garanzija tal-UE taħt il-mandat ta' self estern fir-rigward ta' self lil TAV Tunisie S.A. (l-ajruport ta' Enfidha).

Fil-15 ta' Jannar 2018, EUR 0.14 miljun irkuprati mill-Ajruport ta' Enfidha ġew ikkreditati lill-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni. Dan l-ammont kien diġà rikonoxxut bħala assi (riċevibbli) fil-karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2017.

[38] Għal aktar informazzjoni dwar il-proċedimenti ta' rkupru, ara wkoll il-Ftehim ta' Rkupru ffirmat fit-3 ta' Ottubru 2018 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment li jirregola l-modalitajiet u l-proċeduri għall-irkupru ta' pagamenti li saru mill-UE skont il-garanzija mogħtija minnha lill-BEI kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-UE.

[39] Il-penali u l-imgħaxijiet dovuti jintalbu mill-BEI biss mat-tieni talba ta' pagament ta' kull self individwali u jibdew mid-data tal-inadempjenza sad-data tal-pagament mill-Fond ta' Garanzija.

[40] Dan jinkludi l-ammont ta' EUR 375.39 miljun (kapital) li kien diġà ssejjaħ mill-BEI sal-31.12.2018.

Is-sejħiet fuq il-Fond li jikkorrispondu għal self inadempjenti għal TAV Tunisie S.A. (l-ajruport ta' Enfidha) jinsabu fit-Tabella 4b.

Tabella 4b: Sejħa fuq il-Fond ta' Garanzija relatata ma' TAV Tunisie S.A. (l-ajruport ta' Enfidha) (f'miljuni ta' EUR)

| Sena ta' ġbid | Għadd ta' sejħiet imħallsa | Ammont tal-pagamenti parzjali dovuti | Penali u l-imgħax dovut[32] | Ammont irkuprat | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 2016 | 1 | 4.63 | 0.03 | 0.00 | 4.65 |
| 2017 | 3 | 30.16 | 0.01 | 0.00 | 30.17 |
| 2018 | 0 | 0.0 | 0.0 | 0.14 | -0.14 |
| Total | 4 | 34.78 | 0.04 | 0.14 | 34.68 |

Żviluppi li seħħew wara l-31 ta' Diċembru 2018 (sat-30 ta' Ġunju 2019)

Fi Frar u f'Marzu 2019, tħallsu b'kollox EUR 10.6 miljun f'żewġ sejħiet għal pagamenti inadempjenti tas-Sirja (EUR 3.2 miljun u EUR 7.4 miljun inklużi penali applikati mill-BEI).

## 5.3 Evoluzzjoni tal-Fond

Skont ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni ("ir-Regolament tal-Fond ta' Garanzija")[41], il-livell xieraq (ammont fil-mira), stabbilit għal 9 % tal-obbligazzjonijiet kapitali pendenti totali li jirriżultaw minn kull operazzjoni, flimkien mal-imgħax dovut. Jeżisti mekkaniżmu ta' provvediment biex jiġi żgurat li l-ammont fil-mira jintlaħaq.

Fuq il-bażi tal-mekkaniżmu ta' provvediment, il-baġit tal-UE ħallas EUR 137.8 miljun lill-Fond fi Frar 2018, filwaqt li fi Frar 2019, il-pagament rispettiv kien jammonta għal EUR 103.2 miljun.

Fil-31 ta' Diċembru 2018, l-assi netti[42] tal-Fond kienu jammontaw għal EUR 2 608.84 miljun. Għalhekk, billi l-assi netti tal-Fond kienu aktar baxxi mill-ammont immirat[43] (EUR 2,848.99 miljun), il-Fond ta' Garanzija se jkun ipprovdut b'EUR 240.15 miljun fl-2020.

Għandu jsir rieżami li jivvaluta l-parametri ewlenin tal-Fond, b'mod partikolari l-ammont fil-mira, fil-mument tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-mandat ta' self estern tal-BEI. Għalhekk,

41 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) kif emendat mir-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1).

42 L-assi totali tal-Fond minbarra l-ammonti dovuti li għandhom jitħallsu (it-tariffi tal-BEI u t-tariffi tal-awditjar).

43 9 % ta' EUR 31 655.46 miljun. L-ammont fil-mira huwa kkalkulat billi jiġi applikat perċentwal ta' 9 % għall-obbligazzjonijiet kapitali pendenti totali li jirriżultaw minn kull operazzjoni, flimkien mal-imgħax dovut (self tal-MFA, tal-Euratom u tal-BEI lil pajjiżi terzi) u wara li jitnaqqas is-self surrogat fl-aħħar tas-sena "n-1".

evalwazzjoni tal-Fond ta' Garanzija twettqet minn kuntrattur estern filwaqt li tqies il-profil tar-riskju tal-fond u l-effettività tiegħu fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-finanzjament estern kopert mill-Fond u r-riskji relatati. Ir-rapport ġie ppreżentat f'Awwissu 2016 u l-konklużjoni ewlenija kienet li Rata fil-Mira ta' 9 % għadha titqies bħala ottimali għal-livell ta' riskju attwali tal-portafoll ta' self, anke f'xenarju ta' tnaqqis supplimentari fil-klassifikazzjoni tad-debituri prinċipali. Għalhekk, ir-Rata fil-Mira ta' 9 % baqgħet kif inhi.

## 6. Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)[44]

Il-FG tal-FEIS jiġi fornut progressivament, b'kont meħud taż-żieda fl-iskopertura li ġġarrab il-Garanzija tal-UE.

Skont l-Artikolu 12(4) tar-Regolament FEIS, ir-riżorsi tal-FG tal-FEIS huma mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni u investiti b'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba skont regoli prudenzjali xierqa.

Il-BEI u l-FEI huma responsabbli li jivvalutaw u jimmonitorjaw ir-riskju tal-operazzjonijiet individwali appoġġati mill-Garanzija tal-UE. Abbażi ta' dan ir-rapportar u suppożizzjonijiet koerenti u prudenti dwar l-attività futura, il-Kummissjoni tiżgura l-adegwatezza tal-ammont fil-mira u tal-livell tal-FG tal-FEIS rieżaminat. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament FEIS, il-BEI u l-FEI rrapurtaw lura lill-Kummissjoni u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri f'Marzu 2019.

Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament FEIS, ir-rapport annwali tal-BEI lill-Parlament Ewropew u lill Kunsill ikun fih informazzjoni speċifika dwar ir-riskju aggregat assoċjat mal-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment li jsiru skont il-FEIS kif ukoll dwar is-sejħiet għal pagament ta' garanzija.

Żviluppi matul l-2018[45]

Mill-31 ta' Diċembru 2018, it-total kumulat ta' firem taħt il-FEIS ammonta għal EUR 53.6 biljun li kopra 28 Stat Membru, li minnhom EUR 39.1 biljun kienu ffirmati taħt it-Tieqa għall-Innovazzjoni (IIW) (407 operazzjoni) u EUR 14.5 biljun kienu ffirmati taħt it-tieqa għall-SMEs (SMEW) (470 operazzjoni). Kumplessivament, dan jirrappreżenta żieda sinifikanti meta mqabbel mal-2016, li fi tmiemha l-firem totali kienu jammontaw għal EUR 37.4 biljun.

---

44 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ir-"Regolament FEIS"), ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1. Ir-Regolament FEIS ġie emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 fir-rigward tal-estensjoni tad-durata tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kif ukoll l-introduzzjoni ta' titjib tekniku għal dak il-Fond u għaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (l-"Emenda FEIS 2.0"). L-Emenda FEIS 2.0 żiedet, fost l-oħrajn, id-daqs tal-Garanzija tal-UE u aġġustat ir-rata fil-mira. Il-ftehim dwar l-immaniġġjar tal-FEIS u dwar l-għoti tal-Garanzija tal-UE (il-"Ftehim dwar il-FEIS") ġie ffirmat mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (il-"BEI") fit-22 ta' Lulju 2015 u ġie emendat u affermat mill-ġdid fil-21 ta' Lulju 2016, fil-21 ta' Novembru 2017, fid-9 ta' Marzu 2018 u f'Diċembru 2018.

45 Informazzjoni għal din it-taqsima ttieħdet mir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi fl-2018 - COM(2019) 244 final tat-28.5.2019.

Mill-31 ta’ Diċembru 2018, l-iskopertura pendenti żborżata kumplessiva koperta mill-Garanzija tal-UE kienet tammonta għal kważi EUR 15.8 biljun, minn EUR 10.1 biljun fl-2017.

L-iskopertura tal-baġit tal-UE għal pagamenti futuri possibbli skont il-Garanzija tal-UE f’termini ta’ operazzjonijiet iffirmati (żborżati u mhux żborżati) ammontat għal EUR 19.8 biljun.

L-iskopertura tal-garanzija tal-UE b’rabta mal-operazzjonijiet pendenti żborżati tal-FEIS mill-Grupp tal-BEI ammontat għal EUR 15.8 biljun, mill-31 ta’ Diċembru 2018, mill-impenn legali nett disponibbli[46] ta’ EUR 25.9 biljun iggarantit mill-UE. L-ammont ta’ EUR 15.8 biljun ġie mniżżel bħala obbligazzjoni kontinġenti fin-noti li jakkumpanjaw ir-rapporti finanzjarji tal-2018 tal-UE.

Skont it-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni (IIW), l-iskoperturi żborżati pendenti koperti mill-Garanzija tal-UE kienu ta’ EUR 14.8 biljun, li minnhom EUR 14.2 biljun għal operazzjonijiet ta’ dejn u EUR 600 miljun għal operazzjonijiet tat-tip tal-ekwità.

Fl-2018, l-operazzjonijiet tal-FEIS, ġestiti mill-BEI fil-qafas tat-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni ġġeneraw dħul nett ta’ EUR 112.7 miljun għall-UE. Minn dan l-ammont, riċevibbli nett tal-Kummissjoni mill-BEI mill-31 ta’ Diċembru 2018 ta’ EUR 38.9 miljun[47] kien irreġistrat fir-rapporti finanzjarji tal-UE.

Mill-31 ta’ Diċembru 2018, taħt it-Tieqa għall-SMEs (SMEW), l-iskoperturi totali pendenti koperti mill-Garanzija tal-UE kienu ta’ EUR 995 miljun, li minnhom EUR 880 miljun għal operazzjonijiet ta’ garanzija u EUR 115 miljun għal operazzjonijiet ta’ ekwità.

Għall-operazzjonijiet tal-FEIS taħt it-Tieqa għall-SMEs (SMEW), il-kostijiet imġarrba tal-UE ta’ EUR 30.3 miljun fl-2018. Minn dan, it-tariffi amministrattivi tal-FEI ta’ EUR 21.9 miljun irreġistrati fir-rapporti finanzjarji tal-UE tal-2018 għandhom jitħallsu lill-FEI fit-30 ta’ Ġunju 2019 jew wara.

L-assi totali tal-FG tal-FEIS[48] kienu ta’ EUR 5 452 miljun fil-31 ta’ Diċembru 2017. L-assi kienu magħmula mill-portafoll tat-titoli tal-investiment, ikklassifikat bħala disponibbli għall-bejgħ (EUR 5 000 miljun), il-bejgħ ta’ kuntratt forward tal-kambju FX USD b’valur nett attwali pożittiv, ikklassifikat bħala assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta’ surplus u defiċit (EUR 2 miljun), u flus u ekwivalenti ta’ flus (EUR 450 miljun).

Proviżjonament tal-Fond ta’ Garanzija tal-FEIS

Approprjazzjoni baġitarja totali ta’ EUR 2 069 miljun ġiet impenjata fl-2018 b’rabta mal-proviżjonament tal-FG tal-FEIS. Minn dan l-ammont, approprjazzjoni baġitarja ta’ EUR 1 905 miljun ġiet allokata f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)307. Approprjazzjonijiet ta’ impenn addizzjonali għal ammont ta’ EUR 105 miljun saru

[46] Skont l-Artikolu 11 tal-Emenda FEIS 2.0, il-Garanzija tal-UE fl-ebda ħin ma għandha taqbeż is-EUR 26 biljun u ma għandhiex tkun aktar minn EUR 16-il biljun qabel is-6 ta’ Lulju 2018. Is-sejħiet u l-użu tal-Garanzija tal-UE, u d-dispożizzjonijiet għall-prodotti tal-garanzija tal-portafoll taħt it-Tieqa għall-SMEs, huma mnaqqsa mill-ammont massimu tal-Garanzija tal-UE.

[47] Nett tal- kostijiet pendenti tal-irkupru ta’ EUR 0.5 miljun pagabbli lill-BEI fl-2019 fir-rigward ta’operazzjoni inadempjenti.

[48] Ir-rapporti finanzjarji awditjati tal-Fond ta’ Garanzija tal-FEIS huma żvelati fid-dokument ta’ ħidma tal-persunal li jakkumpanja r-rapport FG tal-FEIS – SWD (2019) 188.

disponibbli mil-linja tal-baġit "Riżervi għal Interventi Finanzjarji". Finalment, ammont ta' EUR 59 miljun ġie allokat bħala dħul assenjat.

Ammont totali ta' EUR 2 014 miljun tħallas effettivament fil-FG tal-FEIS matul is-sena. Minn dan, il-parti l-kbira kienet ġejja minn approprjazzjonijiet ta' pagament tal-baġit ġenerali tal-UE, filwaqt li ammont ta' EUR 59 miljun ġie rkuprat bħala dħul assenjat (EUR 53.4 miljun mid-dħul tal-FEIS u EUR 5.6 miljun mid-dħul tal-Fond ta' Marguerite) u ammont ta' EUR 154.9 miljun ġie ttrasferit bħala approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali fl-aħħar tas-sena baġitarja.

Is-sejħiet u l-użu tal-garanzija tal-UE

B'konformità mal-Artikolu 8.1(a) tal-Ftehim dwar il-FEIS, il-Garanzija tal-UE ntalbet għal ammont ta' EUR 97.1 miljun li huma relatati ma' operazzjoni inadempjenti taħt it-Tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni. B'konformità mal-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar il-FEIS, il-BEI inizjalment irkupra l-ammont ta' EUR 18.6 miljun, li jnaqqas l-ammont li għandu jitħallas għal EUR 78.5 miljun. Is-sejħa tħallset mill-Kont tal-FEIS (EUR 17.7 miljun) u mill-FG tal-FEIS (EUR 60.8 miljun). Sussegwentement, l-ammont ta' EUR 1.6 miljun ġie rkuprat. Fir-rigward ta' din l-operazzjoni inadempjenti, il-BEI sejjaħ ammont ta' EUR 1.0 miljun għall-kostijiet tal-irkupru u EUR 0.6 miljun għall-kostijiet amministrattivi li jistgħu jiġu rkuprati.

Fl-2018, tħallas ammont ta' EUR 0.6 miljun lill-BEI għall-kostijiet ta' finanzjament[49] u EUR 10.7 miljun għall-aġġustamenti fil-valur[50].

Għal aktar informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS, ara l-aħħar verżjoni tar-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija tal-fond Ewropew għal investimenti strateġiċi[51] u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) assoċjat.

## 7. IL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI (EFSD)

Fl-14 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Pjan ta' Investiment Estern (PIE) biex tinkoraġġixxi l-investiment fil-pajjiżi sħab tal-UE fl-Afrika u fir-reġjun tal-Viċinat tal-UE, biex issaħħaħ is-sħubijiet u tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, billi tgħin biex jiġu indirizzati ċerti kawżi oriġinali tal-migrazzjoni.

Parti mill-Pjan ta' Investiment Estern (PIE) huwa l-Fond Ewropew ġdid għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) bħala mekkaniżmu ta' finanzjament integrat li jappoġġa l-investimenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi u s-settur privat. Billi jkun miftuħ għal firxa ta' sħab ta' implimentazzjoni, l-EFSD huwa kapaċi jikseb ħafna aktar investiment pubbliku u privat fil-pajjiżi fil-mira milli altrimenti kien ikun possibbli. Tinkludi:

- garanzija baġitarja u
- strumenti tat-taħlit.

[49] Ara l-Artikolu 8.1(d) tal-Ftehim dwar il-FEIS. Dan l-ammont ma jinkludix il-EUR 1.6 miljun ta' kostijiet relatati mas-sejħa msemmija hawn fuq.
[50] Ara l-Artikolu 8.1(b) tal-Ftehim dwar il-FEIS.
[51] L-aħħar verżjoni - COM(2019) 244 final tat-28.5.2019.

Il-Leġiżlazzjoni EFSD daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2017. [52]

## 7.1 Dwar il-Garanzija tal-EFSD

Il-Garanzija tal-EFSD se tintuża biex tnaqqas ir-riskji għall-investiment fl-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab, b'hekk tgħin biex timmobilizza l-investiment, speċjalment dak minn sorsi privati.

Il-garanzija hija mfassla biex timmobilizza l-investiment privat b'valur ta' EUR 1.54 biljun. Dan l-ammont ġie allokat għal 28 programm ta' investiment propost, li huma mistennija li jiksbu sa EUR 17.5 biljun ta' investiment sostenibbli f'pajjiżi sħab (ħafna minnu minn sorsi privati). Il-garanzija tista':

- tattira finanzjament għal uħud mill-kapital inizjali ("ekwità" jew "kapital ta' riskju") li proġett jeħtieġ biex ikun jista' jitnieda;

- isservi bħala garanzija (garanzija) biex tħallas lura parti minn self jekk il-mutwatarju jġarrab telf u inadempjenzi fuqu.

Programmi ta' Investiment

Sa April 2018, numru ta' istituzzjonijiet finanzjarji sħab (FIs) ipproponew aktar minn 40 programm ta' investiment li jiswew aktar minn EUR 3.5 biljun biex ikopru l-Garanzija tal-EFSD taħt il-ħames oqsma ta' prijorità għall-investiment (twieqi ta' investiment), jiġifieri a) L-Enerġija Sostenibbli u l-Konnettività, b) L-intrapriżi Mikro, żgħar u ta' daqs medju ("MSME"), c) L-Agrikoltura Sostenibbli, l-Imprendituri Rurali u n-Negozju Agrikolu, d) L-Ibliet Sostenibbli u e) id-Diġitali għall-Iżvilupp.

F'Ġunju u Novembru 2018, abbażi tal-proposti tal-FIs, l-UE finalment allokat EUR 1.54 biljun għal 28 garanzija.

NASIRA

L-ewwel ftehim dwar il-Garanzija tal-EFSD ġie ffirmat fit-18 ta' Diċembru 2018 mas-Soċjetà Olandiża ta' finanzjament lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw bi klassifikazzjoni ta' A trippla għall-Faċilità għall-Kondiviżjoni tar-Riskji NASIRA.

L-FMO jistenna li NASIRA se toħloq u tappoġġa sa 800 000 impjieg u se tkun ta' benefiċċju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), persuni spostati internament, refuġjati, persuni rimpatrijati, nisa u żgħażagħ.

Għandhom jibdew negozjati paralleli multipli ma' istituzzjonijiet finanzjarji sħab (FIs), u għadd sinifikanti minnhom huma mistennija li jiġu konklużi qabel tmiem l-2019.

[52] Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249 27.9.2017, p. 1)

## 7.2 Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandu jikkostitwixxi riżerva ta' likwidità li minnha għandhom jitħallsu l-kontropartijiet eliġibbli f'każ ta' sejħa fuq il-Garanzija tal-EFSD wara l-konklużjoni tal-Ftehimiet dwar il-Garanzija ma' kontropartijiet eliġibbli u f'konformità mad-dispożizzjonijiet korrispondenti, skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 2017/1601.

Ir-riżorsi tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandhom jiġu ġestiti direttament mill-Kummissjoni u investiti f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba taħt regoli prudenzjali xierqa.

Il-Fond ta' Garanzija tal-EFSD għandu jingħata kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) kif ukoll kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri u kontributuri oħra, u sorsi oħra ta' dotazzjonijiet, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2017/1601.

Ir-rata ta' proviżjonament għandha tkun 50 % tal-obbligi totali tal-Garanzija tal-EFSD koperti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.